# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tnax (12) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju, 2011, fil-5.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-Sindku rrimarka li għandu informazzjoni li l-Ministru w l-uffiċjal tal-Armatta għamlu żjara fejn hemm l-immigranti illegali ġo Ħal Safi, iżda ma jafx x'qalu u x'bi ħsibhom jagħmlu bil-post. Il-kunsilliera esprimew il-biża tagħhom li l-post jibqa hemmhekk.

4. Is-sur Jerome Busuttil qal li smajna wisq skużi mill-awtoritajiet kompetenti, rigward triq il-Karwija. Il-kunsilliera kollha qablu li għalqu għajnejhom kemm il-darba sabiex ma jwaqfux il-proġett imma li issa mhux se jaċċettaw iżjed skużi.

5. Is-Sindku qal li se jerġa jinforma lill-Prim Ministru fil-ġranet li ġejjin jekk ma jisma xejn dwar ix-xogħol fuq din it-triq.

6. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikonferma li kiteb lill-Heritage Malta biex jiġu jaraw is-salib tad-Dejma li jidher qed jitmejjel, imma li ma kelux risposta mingħandhom s'issa.

**Korrispondenza**

7. Il-Kunsill irċieva talba sabiex il-ground ikun jintuża għal attivita tat-tfal. Il-kunsilliera qablu li l-ground jista jintuza, imma għal football biss u l-ikel u x-xorb irid jibqa barra mill-ground u wieħed irid iżomm mar-regolamenti tal-ground.

8. L-Arċidjoċesi bagħtu ittra biex jaraw jekk jistgħu jagħmlu attivita ġol-pjazza tar-raħal is-Sibt 11 ta' Ġunju bejn is-7.30pm u id-9.30pm. Il-kunsilliera aċċettaw, bil-kundizzjoni li l-Arċidjoċesi jġibu l-permessi kollha. Għalhekk il-pjazza u t-toroq ta' madwar se jkunu magħluqin għal parking matul il-ġurnata.

9. Il-kunsilliera aċċettaw li jħalsu €580 lill-iskola ta' San Benedittu għas-servizzi tagħhom għall-Skola Sajf 2011 u li l-iskola għanda tħallas €80 lill-purtinari għas-servizz tagħhom.

10. Is-sinjura Deborah Pace tad-Dipartament tal-Gvern Lokali talbet permess biex tintuża s-sala fl-1 ta' Lulju. Il-kunsilliera jixtiequ iżjed informazzjoni.

11. Is-Soċjeta Maltija għall-Ortikultura jixtiequ jżuru r-raħal sen'oħra biex jagħtu premju għall-aħjar faċċatta/tieqa/gallerija mżejna. Il-kunsilliera qablu li ssir l-attivita.

**Ħwejjeġ oħra**

12. Is-Sindku ssuġerixxa li jsiru 'parking spaces' f'triq t'Ananija, u li jitneħħew id-'double yellow' ta' fejn il-ġnien. Il-kunsilliera qablu.

13. Is-Sindku qal li l-Kumitat Konġunt ftehmu li jħalsu €1 fis-siegħa iżjed għal gwardjani u l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

14. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 11

15. Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm.

16. Il-laqgħa li jmiss se jkun fid-9 ta' Ġunju 2011

Approvati llum 09/06/2011

Sindku Deputat Segretarju Eżekuttiv